



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MIGRAZZJONI U L-AFFARIJET INTERNI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MOBBILTÀ U T-TRASPORT
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAN-NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET, IL-KONTENUT
U T-TEKNOLOĠ IJA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ISTABILITÀ FINANZJARJA, IS-SERVIZZI FINANZJARJI
U L-UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI TAL-IMPJIEGI, L-AFFARIJET SOĠJALI U L-INKLUŻJONI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-KONSUMATURI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AMBJENT
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORJA U
L-SMEs

Brussell, it-13 ta' Novembru 2018
Rev1

AVVIŻ DWAR L-IVVJAĠĠAR BEJN L-UE U R-RENJU UNIT WARA L-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT MILL-UE

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI	4
2.	KONTROLLI TAL-PERSUNI FIL-FRONTIERA ESTERNA TAL-UE	4
3.	KONTROLLI DOGANALI.....	7
4.	DAZZI, VAT U SISA	8
4.1.	Eżenzjoni mid-dazji, VAT u sisa.....	8
4.2.	Rifużjonijiet tal-VAT għal oġġetti mixtrija fl-UE.....	8
5.	PROJBIZZJONIJIET U RESTRIZZJONIJIET	9
5.1.	Annimali domestiċi li tiegħu miegħek	9
5.1.1.	Movimenti mhux kummerċjali lejn l-UE-27 ta' annimali domestiċi akkumpanjati minn sidhom li huwa/hija residenti fir-Renju Unit	10
5.1.1.1.	Jekk ir-Renju Unit ikun elenkat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.....	10
5.1.1.2.	Jekk ir-Renju Unit ikun elenkat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.....	11
5.1.1.3.	Jekk ir-Renju Unit ma jkunx elenkat mill- Kummissjoni.....	11
5.1.2.	Movimenti mhux kummerċjali lejn l-UE-27 ta' annimali domestiċi akkumpanjati minn sidhom li huwa/hija residenti fi Stat Membru tal-UE-27 u li qed jirritornaw mir-Renju Unit wara moviment temporanju lejn ir-Renju Unit	12

5.1.2.1.	Jekk ir-Renju Unit ikun elenkat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.....	12
5.1.2.2.	Jekk ir-Renju Unit ikun elenkat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.....	12
5.1.2.3.	Jekk ir-Renju Unit ma jkunx elenkat mill-Kummissjoni.....	13
5.2.	Pjanti u prodotti tal-pjanti.....	13
5.3.	Kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-animali.....	14
5.4.	Flus	15
5.5.	Oġġetti kulturali.....	15
5.6.	Kampjuni ta' speċi fil-periklu	16
5.7.	Speċijiet aljeni invażivi	17
5.8.	Armi tan-nar	18
6.	UŻU TA' VETTURI AWTOMOBILISTIĊI.....	20
6.1.	Liċenzji tas-sewqan	20
6.2.	Assigurazzjoni ta' responsabbiltà ta' terzi	21
7.	TRATTAMENT MEDIKU U KWISTJONIJIET RELATATI; EMERĠENZI.....	22
7.1.	Intitolament għall-kura tas-saħħa taħt il-liġi tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali	22
7.2.	Intitolament għal rimborż għal għoti ta' kura tas-saħħa transkonfinali taħt il-liġi tal-Unjoni dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali	23
7.3.	Rikonoxximent ta' riċetti mediċi maħruġa fi Stat Membru ieħor	23
7.4.	In-numru Ewropew tal-emerġenza - 112.....	24
7.5.	Kards għall-parkeġġ għal nies b'diżabbiltà.....	24
7.6.	Protezzjoni konsulari	25
7.7.	Mekkaniżmu ta' kumpens għal persuni midruba minn karozza fi Stat Membru ieħor ("vittmi viżitaturi").....	25
8.	ASSIGURAZZJONI, DRITTJIET TAL-PASSIĠĠIERI	26
8.1.	Assigurazzjoni tal-ivvjaġġar kontra l-insolvenza.....	26
8.2.	Drittijiet tal-passiġġieri tal-UE.....	26
8.2.1.	Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru	27
8.2.2.	Drittijiet tal-passiġġieri tal-vapuri	27
8.2.3.	Id-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bix-xarabank u bil-kowċ	28
8.2.4.	Drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija.....	29

9. KWISTJONIJIET OĦRA.....	29
9.1. Pagamenti bil-karti bankarji	29
9.2. Ir-roaming.....	29
9.3. Il-portabbiltà ta' servizzi ta' kontenut onlajn	30
ANNES: FULJETT TAL-UE DWAR IL-KUNSINNI PERSONALI TA' PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI LI JIFFURMAW PARTI MILL-BAGALJI TAL-PERSUNI LI QED JIVVJAĠĠAW	31

1. INTRODUZZJONI

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ li jstabbilixxi data oħra jew sakemm il-perjodu ma jiġix estiż mill-Kunsill Ewropew f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tiegħaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ('id-data tal-ħruġ'). Ir-Renju Unit imbagħad isir 'pajjiż terz'².

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fid-dawl tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari rigward il-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, il-persuni li qed jippjanaw li jivvjaġġaw (għal raġunijiet privati jew ta' negozju) mir-Renju Unit lejn l-UE (jew vice versa) fid-data tal-ħruġ jew warajha, u n-negozji li jipprovdu servizzi relatati mal-ivvjaġġar (organizzaturi tal-ivvjaġġar, aġenziji tal-ivvjaġġar, kumpaniji tal-kiri tal-karozzi, fieri kummerċjali, kumpaniji tat-trasport, eċċ.) huma mfakkra fir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju li jista' jkun inkluż f' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, il-ħruġ tar-Renju Unit għandu l-konsegwenzi li ġejjin għal dawk li jivvjaġġaw mir-Renju Unit lejn l-UE u vice versa³:

2. KONTROLLI TAL-PERSUNI FIL-FRONTIERA ESTERNA TAL-UE^{4 5}

Il-liġi tal-Unjoni⁶ dwar il-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri esterni tal-UE tidistingwi bejn kontrolli fuq ċittadini tal-UE u ċittadini ta' pajjiż terz. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, il-kontrolli fuq ċittadini tar-Renju Unit mad-dħul fiż-żona Schengen u mal-ħruġ minnha, kif ukoll lejn u minn Stati Membri li għalihom tkun għadha ma tteħditx id-deċiżjoni li jitneħħew il-kontrolli interni iżda li japplikaw ir-regoli ta'

¹ Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

² Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

³ Huwa mfakkar li l-Ftehim dwar il-ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit se jipprevedi soluzzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw iċ-ċirkostanzi uniċi fuq il-gżira tal-Irlanda.

⁴ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/border-crossing_en

⁵ Din it-taqsimma ma tapplikax għall-ivvjaġġar fiż-Żona Komuni għall-Ivvjaġġar bejn ir-Renju Unit u l-Irlanda.

⁶ L-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

Schengen fil-fruntieri esterni tagħhom⁷, se jimxu mar-regoli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi^{8 9}. Dan ifisser li mhux se jibqgħu jgawdu minn dak kollu li jiffaċilita l-affarijiet fil-fruntieri għaċ-ċittadini tal-UE, għaċ-ċittadini tal-istati kontraenti taż-Żona Ekonomika Ewropea, u għaċ-ċittadini Żvizzeri ("ċittadini tal-UE/ŻEE/CH") rigward id-drittijiet tal-moviment liberu. B'mod partikolari, iċ-ċittadini tar-Renju Unit mhux se jkunu intitolati li jużaw il-passaġġi separati pprovduti għat-twettiq ta' kontrolli fuq ċittadini tal-UE/ŻEE/CH fil-punti tal-qsim tal-fruntieri¹⁰ u se jkunu suġġetti għal verifiki ddettaljati tal-kundizzjonijiet tad-dħul kollha għal ċittadini ta' pajjiżi terzi mad-dħul tagħhom.

Il-kontrolli tad-dħul fuq ċittadini tar-Renju Unit se jinkludu verifiki ta'¹¹:

- il-pussess ta' dokument tal-ivvjaġġar validu biex jaqsmu l-fruntiera; id-dokument jeħtieġ li jkun validu għal mhux aktar minn għaxar snin, u jrid ikun għadu validu sa tliet xhur wara l-jum li fih ikun hemm l-intenzjoni ta' tluq mill-Istati Membri;

Kun af li passaporti nazzjonali tar-Renju Unit maħruġa qabel id-data tal-ħruġ se jibqgħu dokumenti tal-ivvjaġġar validi.

- it-tul taż-żjara:

- għal żjarat qosra fiż-żona Schengen, iċ-ċittadini tar-Renju Unit se jkunu suġġetti għal limitazzjonijiet fir-rigward tat-tul awtorizzat taż-żjara fiż-żona Schengen (b'massimu ta' 90 jum f'perjodu ta' 180 jum);
- għal żjarat twal, bi prinċipju huma se jkunu jeħtieġu permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali, skont ir-regoli nazzjonali;

- il-bażijiet tad-data rilevanti bl-għan li jiġu vverifikati¹²:

⁷ Ir-Rumanija, il-Bulgarija, Ċipru, u l-Kroazja.

⁸ Ċittadini tar-Renju Unit li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li qed jeżerċita/teżerċita id-dritt tiegħu jew tagħha għall-moviment liberu huma suġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

⁹ Tinġibed l-attenzjoni lejn il-fatt li partijiet minn dawn il-kontrolli diġà japplikaw illum il-ġurnata għal ċittadini mir-Renju Unit, meta jivvjaġġaw lejn jew 'il barra miż-żona Schengen.

¹⁰ L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

¹¹ L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.

¹² Ta' min jinnota li l-possibbiltà ta' deroga temporanja mill-prinċipju, suġġetta għal xi kundizzjonijiet, ta' kontrolli sistematiċi kontra l-bażijiet tad-data rilevanti f'xi punti tal-qsim tal-fruntieri tal-art u l-baħar ma tapplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2016/399).

- l-identità u n-nazzjonalità ta' ċittadin ta' pajjiż terz u tal-awtentività u l-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar biex ikun jista' jaqsm il-fruntiera, u b'mod partikolari:
- jekk tkunx inħarġet allerta fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) bil-għan li jiġi rrifjutatid-dħul u biex jitwettaq kontroll tal-possibilità ta' theddid għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali;
- l-iskop (pereżempju turiżmu jew xogħol) u l-kundizzjonijiet taż-żjara li tkun se ssir (pereżempju akkomodazzjoni, vjaġġar intern);
- l-eżistenza ta' biżżejjed mezz ta' sussistenza (jiġifieri li wieħed ikollu biżżejjed mezz biex iħallas għaż-żjara li jkun beħsiebu jagħmel u għall-vjaġġ lura).

Il-Kummissjoni ppreżentat proposta¹³, fit-13 ta' Novembru 2018, biex ċittadini tar-Renju Unit jiġu eżentati mir-reqwizit li jkunu f'pussess ta' viża għal soġġorn qasir ("viża ta' Schengen")¹⁴ meta jaqsmu l-fruntieri esterni, meta l-intenzjoni tkun li ż-żjara fiż-żona Schengen tkun 90 jum f'perjodu ta' 180 jum. Issa huwa f'idejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jadottaw din il-proposta. Eżenzjoni kontinwa mill-viża ta' Schengen se tirrikjedi li ċittadini tal-Istati Membri tal-UE kollha jkunu eżentati bl-istess mod mir-reqwiziti tar-Renju Unit ta' viża għal soġġorn qasir, skont il-prinċipju ta' reċiproċità tal-viża.

Dawk li se jivvjaġġaw jingħataw parir li, qabel il-vjaġġ, jivverifikaw il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha t'hawn fuq qabel jivvjaġġaw lejn l-UE. Fin-nuqqas li tiġi sodisfatta kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet tad-dħul jista' jwassal¹⁵ biex id-dħul jiġi rrifjutat skont il-proċedura stabbilita fil-liġi tal-Unjoni fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi¹⁶.

Il-kontrolli tal-ħruġ jinkludu l-verifika ta':

- il-pussess ta' dokument tal-ivvjaġġar validu biex jaqsmu l-fruntiera esterna;
- il-verifika li l-persuna ma tkunx ilha fit-territorju tal-Istati Membri iktar mit-tul massimu ta' soġġorn;
- il-bażijiet tad-data rilevanti b'mod simili għal dawk tal-kontrolli tad-dħul.

Dawk li jkunu se jivvjaġġaw jingħataw parir li jqisu l-possibilità ta' dewmien fil-punti ta' qsim tal-fruntiera mid-data tal-ħruġ, speċjalment f'dawk b'volumi kbar ta' traffiku (stazzjonijiet tal-ferrovija ta' Eurostar, Eurotunnel Le Shuttle f'Calais u Folkestone, portijiet tal-Kanal, eċċ.).

¹³ Il-Proposta COM(2018)745 tat-13 ta' Novembru 2018.

¹⁴ L-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2016/399.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/399 jipprevedi xi eċċezzjonijiet limitati, fejn minkejja n-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-kundizzjonijiet tad-dħul, ċittadini ta' pajjiż terz jista' jitħalla jidħol.

¹⁶ L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399.

3. KONTROLLI DOGANALI

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-oġġetti li jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-UE mir-Renju Unit huma suġġetti għal superviżjoni doganali u jistgħu jkunu suġġetti għal kontrolli doganali f'konformità mal-liġi doganali tal-UE^{17 18}.

Il-bagalji u oġġetti oħra li jinġarru minn jew fuq persuni li jidħlu fl-UE mir-Renju Unit se jkunu soġġetti għal kontrolli doganali¹⁹. Se jsiru konċessjonijiet għall-effetti personali ta' dawġ li jivvjaġġaw u ċerti oġġetti oħra (ara t-taqsimha 4.1 iktar 'l isfel).

B'mod partikolari, jeħtieġ li oġġetti maħsuba biex jitpoġġew fis-suq tal-UE jew maħsuba għal użu jew konsum privat fit-territorju doganali tal-UE, jiġu ddikjarati biex jiġu rrilaxxati għal ċirkolazzjoni libera. Aktar informazzjoni hija disponibbli minn: https://ec.europa.eu/taxation_customs/individuals/travelling/travelling-europe-what-dohave-know_en

Oġġetti li jiġu importati temporanjament jistgħu jiġu ddikjarati għall-proċedura ta' ammissjoni temporanja. Għal dak l-għan, jistgħu jintużaw Carnets ATA. Carnets ATA huma dokumenti doganali internazzjonali li jippermettu l-esportazzjoni u l-importazzjoni temporanja ta' oġġetti mingħajr dazju u mingħajr taxxa sa massimu ta' sena. Informazzjoni addizzjonali hija disponibbli minn: <https://iccwbo.org/resources-for-business/ata-carnet/>

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

¹⁸ Ir-regoli stabbiliti f'din it-taqsimha se japplikaw ukoll għal oġġetti li jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-UE miċ-**Channel Islands** u l-**Isle of Man** (l-aħħar inċiż tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

¹⁹ L-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

4. DAZJI, VAT U SISA²⁰

4.1. Eżenzjoni mid-dazji, VAT u sisa

Persuni li jidħlu fl-UE mir-Renju Unit li jgornu oġġetti magħhom fil-bagalja jew li b'xi mod ieħor huma intitolati għal konċessjonijiet mingħajr dazju (jiġifieri oġġetti eżentati mid-dazju tal-importazzjoni u l-VAT, u fejn applikabbli d-dazju tas-sisa). L-oġġetti kkonċernati u l-konċessjonijiet relattivi għalihom jistgħu jinstabu minn:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/individuals/travelling/entering-eu_en

Dawk li se jivvjaġġaw jingħataw il-parir li jiffamiljarizzaw ruħhom mar-regoli rigward il-konċessjonijiet mingħajr dazju u jgħaddu mill-ħruġ l-aħdar (“il-passaġġ l-aħdar”) jekk ma jkollhomx aktar mill-kwantitajiet massimi permessi. Inkella għandhom jużaw il-ħruġ l-aħmar (“il-passaġġ l-aħmar”) u jaġmlu dikjarazzjoni doganali.

4.2. Rifużjonijiet tal-VAT għal oġġetti mixtrija fl-UE²¹

Il-viżitaturi minn barra l-UE huma intitolati għal rifużjoni tal-VAT li jkunu ħallsu fuq oġġetti li xtraw matul iż-żjara tagħhom fl-UE dejjem jekk l-oġġetti jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali mat-tluq tagħhom mill-UE flimkien mad-dokumenti ta' rifużjoni tal-VAT.

[Gwida għal rifużjoni tal-VAT għal viżitaturi għall-UE](#)

²⁰ Rigward **id-dazji doganali**, ir-regoli stabbiliti f'din it-taqsimha se japplikaw, mid-data tal-ħruġ, anki għal oġġetti li jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-UE mill-**Isle of Man** u miċ-**Channel Islands** (l-aħħar inċiż tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Rigward il-**VAT**, ir-regoli stabbiliti f'din it-taqsimha se japplikaw, mid-data tal-ħruġ, anki għal oġġetti li jiddaħħlu fit-territorju tal-VAT tal-UE mill-**Isle of Man** u vice versa (l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1)) (Iċ-Channel Islands, diġà llum il-ġurnata, mhumiex parti mit-territorju tal-VAT tal-UE, l-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

Rigward is-**sisa**, ir-regoli stabbiliti f'din it-taqsimha se japplikaw, mid-data tal-ħruġ, anki għal oġġetti li jiddaħħlu fit-territorju tas-sisa tal-UE mill-**Isle of Man** (l-Artikolu 6(2)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12)) (Iċ-Channel Islands, diġà llum il-ġurnata, mhumiex parti mit-territorju tas-sisa tal-UE, l-Artikolu 5(2)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE.

²¹ Fil-kuntest tan-negozjati tal-ftehim dwar il-ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, l-UE qed tipprova tilħaq qbil mar-Renju Unit dwar soluzzjonijiet biex tiġi żgurata r-rifużjoni tal-VAT b'rabta mat-tranżazzjonijiet li jsiru qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni f'sitwazzjonijiet li fihom it-talba għal rifużjoni ma tkunx tista' tiġi sottomessa mill-persuna taxxabbli jew tingħadda mill-Istat ta' residenza tiegħu qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Ara, b'mod partikolari, l-aħħar test tal-abbozz ta' ftehim dwar il-ħruġ miftiehem fil-livell tan-negozjaturi, li huwa disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/draft_agreement_coloured.pdf u d-“dikjarazzjoni konġunta” min-negozjaturi tal-UE u tal-Gvern tar-Renju Unit ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2018 (https://ec.europa.eu/commission/brexit-negotiations/negotiating-documents-article-50-negotiations-united-kingdom_mt).

5. PROJBIZZJONIJIET U RESTRIZZJONIJIET

Il-liġi tal-UE tipprojbixxi u tillimita l-introduzzjoni jew l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti fl-UE fuq il-bażi ta', fost l-oħrajn, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti, tal-ambjent jew il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali.

Mid-data tal-ħruġ, daww il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet se japplikaw għal oġġetti li jidħlu fl-UE mir-Renju Unit jew li joħroġu mill-UE lejn ir-Renju Unit²².

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet *de jure* jew fil-prattika huma rilevanti biss għal negozjanti professjonali²³, uħud huma rilevanti wkoll għal persuni li jivvjaġġaw b'mod individwali:

5.1. Annimali domestiċi li tieħu miegħek²⁴

Il-liġi tal-Unjoni²⁵ tistabbilixxi regoli għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa domestiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "annimali domestiċi")²⁶ li jakkumpanjaw lil persuni li jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi^{27 28}.

²² Fil-kuntest tan-negozjati tal-ftehim dwar il-ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, l-UE qed tipprova ssib qbil mar-Renju Unit dwar soluzzjonijiet għall-moviment ta' merkanzija/oġġetti li jkun beda qabel u jintemm wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni ("sailing goods"). Ara, b'mod partikolari, l-aħħar test tal-abbozz ta' ftehim dwar il-ħruġ miftiehem fil-livell tan-negozjaturi, li huwa disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/draft_agreement_coloured.pdf u d-
"dikjarazzjoni konġunta" min-negozjaturi tal-UE u tal-Gvern tar-Renju Unit ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2018 (https://ec.europa.eu/commission/brexit-negotiations/negotiating-documents-article-50-negotiations-united-kingdom_mt).

²³ Pereżempju, il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet għall-iskart, jew ċerti kimiċi (ara, għal aktar informazzjoni, l-*"Avviż lill-partijiet ikkonċernati- Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-liċenzji tal-importazzjoni/espportazzjoni għal xi merkanzija"* fuq https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notice_mt).

²⁴ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement_en.

²⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1).

²⁶ Ta' min jiġi nnutat li, bħalissa, għasafar domestiċi ħajjin li jakkumpanjaw lil persuni li se jidħlu fl-UE jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat veterinarju li jiċċertifika l-konformità ma' wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin: iżolament ta' 30 jum qabel it-tluq mill-pajjiż terz, jew perjodu ta' iżolament ta' 10 ijiem b'ittestjar għal influwenza tat-tjur, jew kwarantina wara l-importazzjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tilqim kontra l-influwenza tat-tjur. (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/25/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' ħarsien relatati mal-influwenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom fil-Komunità (ĠU L 8, 13.1.2007, p. 29)).

Barra minn hekk, rigward l-għasafar domestiċi ħajjin, ir-rekwiżiti għall-introduzzjoni ta' kampjuni ta' speċi fil-periklu jistgħu japplikaw (ara hawn taħt, taqsima 5.6).

²⁷ Fil-kuntest tan-negozjati tal-ftehim dwar il-ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, l-UE qed tipprova ssib soluzzjonijiet mar-Renju Unit għal annimali ħajjin li l-moviment tagħhom ikun għaddej fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Ara, b'mod partikolari, l-aħħar test tal-abbozz ta' ftehim dwar il-ħruġ miftiehem fil-livell tan-negozjaturi, li huwa disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/draft_agreement_coloured.pdf u d-
"dikjarazzjoni konġunta" min-negozjaturi tal-UE u tal-Gvern tar-Renju Unit ippreżentata fid-

5.1.1. *Movimenti mhux kummerċjali lejn l-UE-27 ta' annimali domestiċi akkumpanjati minn sidhom li huwa/hija residenti fir-Renju Unit*

“Passaport tal-annimali domestiċi tal-UE”²⁹ maħruġ qabel id-data tal-ħruġ għal sid ta' annimal domestiku residenti fir-Renju Unit mhux se jibqa' dokument tal-ivvjaġġar validu għall-ivvjaġġar b'annimali domestiċi mir-Renju Unit lejn kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tal-UE-27 b'seħħ mid-data tal-ħruġ.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-reqwiziti għal annimali domestiċi li jakkumpanjaw lil persuni li jkunu ġejjin mir-Renju Unit se jiddependu wkoll fuq jekk ir-Renju Unit ikunx “elenkat”, minn dik id-data, bħala pajjiż terz li jipprovdi ċerti garanziji tas-saħħa tal-annimali. Vjaġġaturi kkonċernati jingħataw il-parir li, fiż-żmien ta' qabel vjaġġ ipplanat mir-Renju Unit lejn l-UE, jistaqsu jekk ir-Renju Unit hux “elenkat” sabiex jistabbilixxu liema reqwiziti japplikaw. Il-listi adottati mill-UE jġu ppubblikati hawn: https://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement/eu-legislation/non-commercial-non-eu/listing_en.

5.1.1.1. Jekk ir-Renju Unit ikun elenkat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013³⁰

Annimali domestiċi li jiddaħħlu fl-UE-27 mid-data tal-ħruġ se jkollhom ikunu akkumpanjati minn passaport tal-annimali domestiċi ta' pajjiż terz mimli kif dovut, li l-mudell tiegħu ikun ġie adottat mill-Kummissjoni³¹. Dak il-passaport jeħtieġ li jafferma li saret tilqima valida kontra r-rabbja^{32 33}.

19 ta' Ġunju 2018 (https://ec.europa.eu/commission/brexit-negotiations/negotiating-documents-article-50-negotiations-united-kingdom_mt).

²⁸ Dawn ir-regoli se japplikaw, mid-data tal-ħruġ, anki għall-moviment mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi miċ-**Channel Islands** u l-**Isle of Man** (ir-Regolament (KEE) Nru 706/73 tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 1973 li jikkonċerna l-arranġamenti tal-Komunità applikabbli għaċ-Channel Islands u l-Isle of Man għal kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 68, 15.3.1973, p. 1).

²⁹ Il-mudell tal-passaport tal-annimali domestiċi stabbilit fil-Parti I tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-reqwiziti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109).

³⁰ Ara l-Parti I tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

³¹ Il-Parti 3 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

³² L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

³³ Dak li qabel kien il-passaport tal-annimali domestiċi tal-UE, li jkun inħareġ qabel id-data tal-ħruġ għal sid ta' annimal domestiku residenti fir-Renju Unit, wara dik id-data jista' jservi bħala dokumentazzjoni ta' sostenn li tiċċertifika tilqima li għadha valida.

Barra minn hekk, qabel jiddaħħlu fil-Finlandja, fl-Irlanda jew f'Malta, jeħtieġ li l-klieb domestiċi jiġu ttrattati kontra *Echinococcus multilocularis* u li dak it-ttrattament jiġi ċċertifikat, mill-veterinarju li jamministrat, fil-passaport tal-annimali domestiċi³⁴.

5.1.1.2. Jekk ir-Renju Unit ikun elenkat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013³⁵

Se jkun meħtieġ ċertifikat tas-saħħa tal-annimal maħruġ minn veterinarju uffiċjali kull darba li annimal domestiku li tiegħu miegħek jidħol fl-UE u dak iċ-ċertifikat jibqa' validu biss fl-Istati Membri tal-UE-27 għal perjodu ta' erba' xhur³⁶. Dak iċ-ċertifikat jeħtieġ li jafferma li tkun saret tilqima valida kontra r-rabbja^{37 38}.

Barra minn hekk, qabel id-dħul fil-Finlandja, fl-Irlanda jew f'Malta, il-klieb domestiċi se jkollhom jiġu ttrattati kontra *Echinococcus multilocularis* u dan it-ttrattament jeħtieġ li jiġi ċċertifikat mill-veterinarju li jamministrat fil-passaport tal-annimali domestiċi.³⁹

Annimali domestiċi li jidħlu fl-UE-27 mid-data tal-ħruġ se jkollhom jiġu ppreżentati lil punt tad-dħul identifikat apposta għal dawk li jivvjagġaw⁴⁰ sabiex isirulhom it-testijiet ta' konformità neċessarji⁴¹.

5.1.1.3. Jekk ir-Renju Unit ma jkunx elenkat mill-Kummissjoni

Japplikaw l-istess kondizzjonijiet kif stabbiliti fil-punt 5.1.1.2. Madanakollu, iċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 5.1.1.2 jeħtieġ li jafferma wkoll test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabbja validu⁴². It-test jeħtieġ li jkun twettaq

³⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 tal-21 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb (ĠU L 130, 28.5.2018, p. 1).

³⁵ Ara Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.

³⁶ Nota (b) fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

³⁷ L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

³⁸ Dak li qabel kien il-passaport tal-annimali domestiċi tal-UE, li jkun inħareġ qabel id-data tal-ħruġ għal sid ta' annimal domestiku residenti fir-Renju Unit, wara dik id-data jista' jservi bħala dokumentazzjoni ta' sostenn li tiċċertifika tilqima li għadha valida.

³⁹ Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/772.

⁴⁰ https://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement/eu-legislation/non-commercial-non-eu/tpe_en.

⁴¹ L-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

⁴² L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

f'laboratorju approvat mill-UE jew f'laboratorju approvat minn wieħed mill-Istati Membri tal-UE-27⁴³ fuq kampjun li jkun ittieħed mill-inqas 30 jum wara t-tilqima u mhux inqas minn tliet xhur qabel il-moviment.

5.1.2. *Movimenti mhux kummerċjali lejn l-UE-27 ta' annimali domestiċi akkumpanjati minn sidhom li huwa/hija residenti fi Stat Membru tal-UE-27 u li qed jirritornaw mir-Renju Unit wara moviment temporanju lejn ir-Renju Unit*

B'seħħ mid-data tal-ħruġ ir-rekwiżiti għal annimali domestiċi li jakkumpanjaw lil persuni li jkunu ġejjin mir-Renju Unit se jiddependu wkoll fuq jekk ir-Renju Unit ikunx "elenkat", minn dik id-data, bħala pajjiż terz li jipprovd i ċerti garanziji tas-saħħa tal-annimali. Vjaġġaturi kkonċernati jingħataw il-parir li, fiż-żmien ta' qabel vjaġġ ippjanat mir-Renju Unit lejn l-UE, jistaqsu jekk ir-Renju Unit hux "elenkat" sabiex jistabbilixxu liema rekwiżiti japplikaw. Il-lista adottata mill-UE tiġi ppubblikata hawn: https://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement/eu-legislation/non-commercial-non-eu/listing_en

5.1.2.1. Jekk ir-Renju Unit ikun elenkat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013⁴⁴

Jeħtieġ li annimali domestiċi li jiddaħħlu fl-UE-27 ikunu akkumpanjati minn passaport tal-annimali domestiċi tal-UE mimli kif dovut. Dak il-passaport jeħtieġ li jafferma li tkun saret tilqima valida kontra r-rabbja

Barra minn hekk, qabel id-dħul fil-Finlandja, fl-Irlanda jew f'Malta, jeħtieġ li l-klieb domestiċi jiġu ttrattati kontra *Echinococcus multilocularis* u li dak it-trattament jiġi ċċertifikat mill-veterinarju li jamministrat fil-passaport tal-annimali domestiċi⁴⁵.

5.1.2.2. Jekk ir-Renju Unit ikun elenkat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013⁴⁶

Japplikaw l-istess kondizzjonijiet kif stabbilit fil-punt 5.1.2.1.

Barra minn hekk, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, annimali domestiċi li jidħlu fl-UE-27 se jkollhom jiġu ppreżentati f'punt tad-dħul identifikat apposta għal daww li

⁴³ https://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement/approved-labs_en

⁴⁴ Ara l-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

⁴⁵ Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/772.

⁴⁶ Ara l-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

jivvjaġġaw⁴⁷ sabiex isirulhom it-testijiet ta' konformità neċessarji⁴⁸.

5.1.2.3. Jekk ir-Renju Unit ma jkunx elenkat mill-Kummissjoni

Japplikaw l-istess kondizzjonijiet kif stabbilit fil-punt 5.1.2.1.

Barra minn hekk, l-annimali domestiċi jeħtieġ li jkollhom test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabbja validu f'konformità mal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 576/2013. It-test jeħtieġ li jkun twettaq f'laboratorju approvat⁴⁹

- jew qabel il-moviment lejn ir-Renju Unit fuq kampjun li jkun ittieħed mill-inqas 30 jum wara t-tilqima u ddokumentat fil-passaport tal-annimali; jew

- fir-Renju Unit fuq kampjun li jkun ittieħed mill-inqas 30 jum wara t-tilqima u mhux inqas minn tliet xhur qabel ir-ritorn lejn l-Istati Membri tal-UE-27 u ddokumentat fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimal maħruġ minn veterinarju uffċjali fir-Renju Unit ibbażat fuq dokumentazzjoni ta' sostenn mil-laboratorju.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, annimali domestiċi li jidħlu fl-UE-27 se jkollhom jiġu ppreżentati f'punt tad-dħul identifikat apposta għal dawk li jivvjaġġaw⁵⁰ sabiex isirulhom it-testijiet ta' konformità neċessarji⁵¹.

5.2. Pjanti u prodotti tal-pjanti⁵²

Il-liġi tal-Unjoni⁵³ tipprojbixxi milli jiddaħħlu fl-Unjoni ċerti pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra minħabba r-riskju fitosanitarju tagħhom. Xi eżempji

⁴⁷ https://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement/eu-legislation/non-commercial-non-eu/tpe_en.

⁴⁸ L-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

⁴⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 tal-21 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb (ĠU L 130, 28.5.2018, p. 1).

⁵⁰ https://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement/eu-legislation/non-commercial-non-eu/tpe_en.

⁵¹ L-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

⁵² Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/food/animals/animalproducts/personal_imports_en

⁵³ L-Artikolu 4 flimkien mal-Anness III, il-Parti A tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta'

huma: dwieli jew pjanti taċ-ċitru għat-tħawwil, patata taż-żriġh jew ħamrija. Dawk il-projbizzjonijiet japplikaw ukoll fejn il-vjaġġaturi jgħorru magħhom pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħrajn^{54 55}.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dawk il-projbizzjonijiet japplikaw ukoll vis-à-vis ir-Renju Unit⁵⁶.

Vjaġġaturi kkonċernati jingħataw parir li, qabel jivvjaġġaw, jistaqsu dwar il-kamp ta' applikazzjoni preċiż ta' dawn il-projbizzjonijiet.

5.3. Kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali⁵⁷

Il-liġi tal-Unjoni⁵⁸ tipprojbixxi milli jiddaħħlu fl-UE ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali fejn dawk jiffurmaw parti mill-bagalji tal-vjaġġaturi⁵⁹. Din tikkonċerna pereżempju l-laħam u l-ħalib u l-prodotti tagħhom bħal perżut u ġobon. Hemm eċċezzjonijiet għal ċerti kwantitajiet ta', pereżempju, ħalib trab tat-trabi, ikel tat-trabi, u għalf speċjali pproċessat għall-annimali domestiċi meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi.

ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

⁵⁴ Il-liġi tal-Unjoni tintroduċi wkoll ċerti rekwiżiti biex jiddaħħlu fl-Unjoni ċerti pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra. Madankollu dawk ir-rekwiżiti ma japplikawx għal kwantitajiet zġhar, ara l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2000/29/KE.

⁵⁵ Ir-regoli l-ġodda tal-UE se jibdeu japplikaw mill-14 ta' Diċembru 2019. Skont dawk ir-regoli, il-projbizzjonijiet jew ir-rekwiżiti kollha tal-importazzjoni fir-rigward tal-pjanti u komoditajiet oħra minn pajjiżi terzi, japplikaw ukoll għall-pjanti u għal komoditajiet oħra li jakkumpanjaw lill-vjaġġaturi. Madankollu, kwantitajiet zġhar ta' ċerti pjanti u komoditajiet oħra jistgħu jiddaħħlu mingħajr ċertifikat fitosanitarju, jekk jiġu rregolati minn att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jiġi adottat fil-futur, ara l-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

⁵⁶ Ir-regoli japplikaw ukoll, mid-data tal-ħruġ, għall-kunsinni personali ta' dawk li jivvjaġġaw miċ-Channel Islands u l-Isle of Man (ir-Regolament (KEE) Nru 706/73 tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 1973 li jikkonċerna l-arranġamenti tal-Komunità applikabbli għaċ-Channel Islands u l-Isle of Man għal kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 68, 15.3.1973, p. 1).

⁵⁷ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/food/animals/animalproducts/personal_imports_en

⁵⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 206/2009 tal-5 ta' Marzu 2009 dwar l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, (ĠU L 77, 24.3.2009, p. 1).

⁵⁹ F'dan il-kuntest, filwaqt li mhux neċessarjament rilevanti b'mod dirett għal dawk li jivvjaġġaw, huwa mfakkar li l-liġi tal-Unjoni **tipprojbixxi l-importazzjoni fl-UE ta' kwalunkwe skart mill-catering minn meżżi tat-trasport li joperaw b'mod internazzjonali** (l-Artikoli 8(f) u 41(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1). Skart ta' dak it-tip mill-catering għandu jintrema skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 (pereżempju inċinerazzjoni diretta), jew għandu jinżamm abbord il-meżżi tat-trasport u rritornat lejn il-pajjiż terz.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dawk il-projbizzjonijiet japplikaw ukoll vis-à-vis ir-Renju Unit⁶⁰.

Il-Kummissjoni adottat⁶¹ “fuljett” (anness) li jistabbilixxi r-regoli ddettaljati, kif ukoll l-eċċezzjonijiet, pereżempju għal skopijiet mediċi jew nutrizzjonali.

5.4. Flus⁶²

Il-liġi tal-Unjoni tirrikjedi li persuni li jidħlu jew joħorġu mill-UE b'EUR 10 000 jew aktar fi flus kontanti fuqhom (jew l-ekwivalenti f'muniti oħra) jew fi strumenti negozjabbli għall-portatur (assi li jinbidlu faċilment bħal ċekkijiet maħruġa fuq parti terza) jagħmlu dikjarazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li minnu jidħlu fl-UE jew joħorġu minnha⁶³.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan l-obbligu japplika wkoll vis-à-vis ir-Renju Unit.

L-awtoritajiet doganali għandhom is-setgħa skont ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 li jwettqu kontrolli fuq individwi, fuq il-bagalji tagħhom u fuq il-mezzi tat-trasport tagħhom u li jikkonfiksaw flus kontanti li ma jkunux ġew iddikjarati.

Jeħtieġ li l-vjaġġaturi jkunu konxji li l-Istati Membri tal-UE kollha japplikaw pieneni f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu tad-dikjarazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1889/2005.

5.5. Oġġetti kulturali⁶⁴

Il-liġi tal-Unjoni⁶⁵ teħtieġ liċenzja tal-esportazzjoni għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti kulturali (bħal għamara li għandha iżjed minn 50 sena jew kotba li għandhom iżjed minn 100 sena u b'valur ta' iżjed minn EUR 50,000, mapep stampati li għandhom iżjed minn 200 sena u b'valur ta' iżjed minn

⁶⁰ Ir-regoli japplikaw ukoll, mid-data tal-ħruġ, għall-kunsinni personali ta' dawk li jivvjaġġaw miċ-Channel Islands u l-Isle of Man (ir-Regolament (KEE) Nru 706/73 tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 1973 li jikkonċerna l-arranġamenti tal-Komunità applikabbli għaċ-Channel Islands u l-Isle of Man għal kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 68, 15.3.1973, p. 1).

⁶¹ L-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 206/2009.

⁶² Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/taxation_customs/individuals/cash-controls_en.

⁶³ L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew heġin mill-Komunità, ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9.

⁶⁴ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-controls/cultural-goods_en.

⁶⁵ L-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009.

EUR 15,000⁶⁶). Dak ir-reqwizit japplika wkoll għal persuni li jivvjaġġaw waħedhom.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan l-obbligu japplika wkoll vis-à-vis ir-Renju Unit.

Vjaġġaturi kkonċernati jingħataw il-parir li jistaqsu jekk oġġetti li jinġarru fil-bagalji humiex soġġetti għar-reqwiziti tal-liċenzja tal-esportazzjoni.

5.6. Kampjuni ta' speċi fil-periklu⁶⁷

Bħala regola ġenerali, il-liġi tal-Unjoni⁶⁸ tipprevedi li persuni *li jivvjaġġaw lejn l-UE minn pajjiżi terzi* jistgħu idaħħlu kampjuni ta' speċijiet fil-periklu (annimali jew pjanti)⁶⁹ fl-UE biss bl-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità CITES tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Il-persuni *li jivvjaġġaw mill-UE lejn pajjiżi terzi* jistgħu jespportaw (mill-ġdid) dawn il-kampjuni biss fuq il-bażi tal-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità CITES tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-kampjuni. Id-dokumenti meħtieġa għal dak il-għan jiddependu fuq l-istatus tal-ispeċijiet kkonċernati (jiġifieri, kemm huma stretti r-regoli li jipproteġu l-ispeċijiet, li jvarjaw bejn l-annessi differenti tar-Regolament (KE) Nru 338/97) u fuq in-natura u d-direzzjoni tal-moviment (importazzjoni, esportazzjoni jew esportazzjoni mill-ġdid).

Madankollu, il-liġi tal-Unjoni tipprevedi eċċezzjonijiet għar-reqwizit tal-awtorizzazzjoni:

- “Oġġetti personali jew domestiċi”: L-importazzjoni jew l-esportazzjoni (mill-ġdid) ta' “oġġetti personali jew domestiċi” *mhijiex suġġetta għall-awtorizzazzjoni minn qabel*⁷⁰ ⁷¹. Madankollu, ċerti kundizzjonijiet rigward il-mod u ċ-ċirkostanzi tal-moviment transkonfinali jeħtieġ li jiġu ssodisfati għal kampjuni mejta u partijiet jew prodotti dderivati ta' annimali jew pjanti sabiex daww jiġu meqjusa bħala “oġġetti personali jew domestiċi”. Annimali jew pjanti ħajjin ma jikkwalifikawx. It-trofej tal-kaċċa ġeneralment ikunu koperti wkoll minn daww id-dispożizzjonijiet inqas stretti, imma t-trofej tal-

⁶⁶ Ara l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1).

⁶⁷ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta http://ec.europa.eu/environment/cites/index_en.htm.

⁶⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

⁶⁹ L-ispeċijiet fil-periklu huma elenkati fl-annessi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97.

⁷⁰ L-Artikolu 7(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97.

⁷¹ L-Artikoli 57, 58 u 58a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

kaċċa minn ċerti speċijiet protetti inqas stretti huma suġġetti għal regoli speċifiċi⁷².

- **Animali domestiċi:** Persuni li jivvjaġġaw lejn l-UE jew lura minnha bl-animali domestiċi tagħhom, fejn dawn ikunu ta' speċi elenkata fl-annessi tar-Regolament (KE) Nru 338/97 (bħall-maġġoranza tal-pappagalli⁷³, u ċerti fkieren u qrolli) jistgħu japplikaw għal *ċertifikat ta' proprjetà personali*⁷⁴. Dak iċ-ċertifikat jista' jinkiseb għal animal ħaj akkwistat b'mod legali li jinżamm għal skopijiet personali li mhumiex kummerċjali, sabiex b'hekk il-persuna li tivvjaġġa tevita li jkollha tapplika għal awtorizzazzjoni minn qabel kull darba li taqşam fruntiera internazzjonali. Fil-każ ta' vjaġġaturi lejn l-UE u minnha, iċ-ċertifikat jinħareġ mill-awtorità CITES tal-Istat Membru li fih joriġina l-animal jew, jekk joriġina minn pajjiż terz, mill-awtorità CITES tal-Istat Membru li fih jiddaħħal l-ewwel.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni japplika għal movimenti ta' tali kampjuni bejn ir-Renju Unit u l-UE.

Ċertifikat ta' proprjetà personali maħruġ mill-awtorità CITES tar-Renju Unit mhux se jibqa' jista' jintuża, mid-data tal-ħruġ, għal ivvjaġġar lejn l-UE jew lura minnha b'animal ħaj. Minflok, b'seħħ mid-data tal-ħruġ se jiġu aċċettati biss ċertifikati maħruġa mid-data tal-ħruġ mir-Renju Unit bħala parti mill-konvenzjoni CITES⁷⁵.

Vjaġġaturi kkonċernati jingħataw il-parir li jikkuntattjaw lill-awtoritajiet CITES⁷⁶ tal-Istat Membru tad-destinazzjoni (jekk se jimportaw) jew tal-Istat Membru fejn jinsab il-kampjun (jekk se jesportaw (jew jesportaw mill-ġdid)) sabiex japplikaw u jiksbu l-awtorizzazzjonijiet minn qabel jew iċ-ċertifikati meħtieġa.

5.7. Speċijiet aljeni invażivi⁷⁷

Il-liġi tal-Unjoni⁷⁸ tipprevedi li persuni li jivvjaġġaw lejn l-UE jistgħu jintroduċu kampjuni ta' speċijiet aljeni invażivi li jikkonċernaw l-Unjoni⁷⁹

⁷² Fil-paġni 78 u 79 tal-*Gwida ta' Referenza - Regolamenti Ewropej dwar il-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi* disponibbli fuq http://ec.europa.eu/environment/cites/legis_refguide_en.htm (bl-Ingliż) hemm ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet applikabbli għal oġġetti personali jew domestiċi.

⁷³ Tinġibed l-attenzjoni li din il-kwistjoni hija separata mir-rekwiżiti veterinarji (ara iktar 'l fuq, taqsima 5.1).

⁷⁴ Il-Kapitolu VIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 865/2006.

⁷⁵ <https://cites.org/sites/default/files/document/E-Res-12-03-R17.pdf>

⁷⁶ Lista tal-awtoritajiet CITES tal-Istati Membri tal-UE tinżamm u tiġi aġġornata, f'każ ta' bidliet, mill-Kummissjoni Ewropea u tista' tiġi kkonsultata fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/environment/cites/pdf/list_authorities.pdf

⁷⁷ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta http://ec.europa.eu/environment/nature/invasivealien/index_en.htm

biss jekk ikunu ngħataw awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u, fejn rilevanti, tat-tranżitu. Il-projbizzjoni tapplika għal kampjuni haġġin kif ukoll għal kwalunkwe parti, gameti, bajda jew propaguli, ibridi, varjetajiet jew razez ta' dawn l-ispeċi li jistgħu jibqgħu haġġin u sussegwentement jirriproduċu.

Il-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni hija valida fit-territorju kollu tal-UE, minbarra r-reġjuni l-aktar mbiegħda, li għandhom jistabbilixxu listi adattati għaċ-ċirkostanzi tagħhom. Madankollu, barra mil-lista tal-UE ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni, kull Stat Membru jista' jistabbilixxi lista nazzjonali tiegħu ta' speċijiet aljeni invażivi suġġetti għal regoli nazzjonali speċifiċi.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-regoli indikati hawn fuq se jibdeu japplikaw għall-movimenti ta' dawn il-kampjuni mir-Renju Unit għall-UE.

Vjaġġaturi kkonċernati jingħataw il-parir li jieħdu parir dwar listi nazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-destinazzjoni jew tat-tranżitu.

5.8. Armi tan-nar⁸⁰

Il-liġi tal-Unjoni⁸¹ tipprevedi reġim speċifiku għall-moviment tal-armi tan-nar bejn l-Istati Membri, inklużi armi tan-nar li jgħorru magħhom il-vjaġġaturi. Dawn ir-regoli jipprevedu, fost l-oħrajn, il-ħruġ ta' "pass Ewropew tal-armi tan-nar". Dan jinħareġ fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru lil persuna li b'mod legali tiġi f'pussess ta' arma tan-nar u tużaha⁸².

Kull meta persuni jkunu jridu jivvjaġġaw minn Stat Membru tal-UE lejn Stat Membru ieħor tal-UE, jew jgħaddu minn Stat Membru tal-UE, jeħtieġ li jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel minn kull wieħed minn daww l-Istati Membri li mbagħad jiġu rreġistrati fil-pass Ewropew tal-armi tan-nar li

⁷⁸ Ir-Regolament Nru (UE) 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi, (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

⁷⁹ L-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni huma elenkati fl-anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 tat-13 ta' Lulju 2016 li jadotta lista ta' speċijiet aljeni invażivi ta' tħassib għall-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 189, 14.7.2016, p. 4). Ara wkoll: http://ec.europa.eu/environment/nature/invasivealien/list/index_en.htm.

⁸⁰ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta http://ec.europa.eu/growth/sectors/defence/defence-firearms-directives_en u https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/trafficking-in-firearms_en.

⁸¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).

⁸² Il-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar huwa validu għal perjodu massimu ta' 5 snin, li jista' jiġi estiż. Huwa dokument li ma jistax jiġi ttrasferit u jżomm reġistru tal-armi tan-nar fil-pussess tad-detentur tal-pass u użati minnu jew minnha.

jeħtieġ li jinżamm fuqhom tul il-vjaġġ kollu tagħhom. Madankollu, hemm eċċezzjonijiet għall-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Dan huwa l-każ għal rappreżentaturi teatrali ta' avvenimenti storiċi u kaċċaturi, li jistgħu jivvjaġġaw b'kategoriji speċifiċi ta' armi tan-nar sakemm ikunu f'pussess ta' pass Ewropew tal-armi tan-nar li jelenka l-armi tan-nar tagħhom u sakemm huma kapaċi jissostanzjaw ir-raġunijiet għall-vjaġġ tagħhom (bħal stedina għal avveniment fl-Istat Membru tad-destinazzjoni).

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dawk ir-regoli mhux se jibqgħu japplikaw għal armi tan-nar li jinħarġu mir-Renju Unit lejn l-UE u vice versa. Minflok, se japplikaw ir-regoli tad-dħul tal-armi tan-nar fl-Unjoni u tal-ħruġ minnha⁸³. Dawk ir-regoli jiddisponu kif ġej⁸⁴:

- Fejn l-armi tan-nar jiddaħħlu temporanjament fl-UE mir-Renju Unit, japplikaw ir-regoli nazzjonali għad-dikjarazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-armi tan-nar⁸⁵.
- Fir-rigward ta' esportazzjonijiet temporanji mill-UE lejn ir-Renju Unit ta' ċerti armi tan-nar minn kaċċaturi jew dilettanti tal-isparar, bħala parti mill-effetti personali tagħhom (jew għall-esportazzjoni mill-ġdid wara li jkunu ddaħħlu temporanjament għal attivitajiet ta' kaċċa jew spara sportiv), l-ebda awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni mhi se tkun meħtieġa, sakemm jingħataw ir-raġunijiet għall-vjaġġ tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti⁸⁶. Meta jitilqu mill-UE lejn ir-Renju Unit minn Stat Membru differenti mill-Istat Membru tar-residenza tagħhom, il-kaċċaturi u d-dilettanti tal-isparar għandhom juru Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar lill-awtoritajiet kompetenti. Fil-każ ta' vjaġġi bl-ajru, il-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar għandu jiġi pprovdut lill-awtoritajiet kompetenti meta l-oġġetti rilevanti jingħataw lill-kumpanija tal-ajru għat-trasport barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Meta jitilqu mill-UE lejn ir-Renju Unit mill-Istat Membru tar-residenza tagħhom, il-kaċċaturi u d-dilettanti tal-isparar jistgħu, minflok il-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar, jagħżlu li jipprovdu dokument ieħor ikkunsidrat validu għal dak l-iskop mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru⁸⁷.

⁸³ Rigward ir-regoli doganali rilevanti tal-UE, ara t-taqsimiet 3 u 4 ta' dan l-avviż.

⁸⁴ Huwa mfakkar li r-Renju Unit se japplika, mid-data tal-ħruġ, regoli nazzjonali għall-importazzjonijiet fir-Renju Unit u l-esportazzjoni minnu.

⁸⁵ Dan l-avviż ma jindirizzax ir-regoli għat-tqegħid fis-suq ta' armi tan-nar impurtati fl-UE, cf. l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/477/KEE.

⁸⁶ L-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplementa l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrakar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, il-komponenti u l-munizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jstabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-tranżitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjoni tagħhom (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

⁸⁷ L-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 258/2012.

Vjaġġaturi kkonċernati jingħataw il-parir li jistaqsu lill-awtoritajiet responsabbli tar-Renju Unit jew tal-Istat Membru tal-UE rilevanti dwar x'inhuma l-kundizzjonijiet preċiżi għall-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu tal-armi tan-nar.

6. UŻU TA' VETTURI AWTOBILISTIĊI

6.1. Liċenzji tas-sewqan⁸⁸

Skont il-liġi tal-Unjoni,⁸⁹ liċenzji tas-sewqan maħruġa minn Stati Membri tal-UE huma rikonoxxuti b'mod reċiproku⁹⁰. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan ir-rikonoxximent reċiproku mhux se jibqa' obbligatorju bħala kwistjoni tal-liġi tal-UE. Minflok, se japplika ftehim internazzjonali, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar it-Traffiku fit-Triq⁹¹. Ir-Renju Unit u l-Istati Membri kollha ħliet erbgħa (l-Irlanda, Ċipru, Malta u Spanja) huma parti f'din il-Konvenzjoni li tipprevedi r-rikonoxximent ta' liċenzji tas-sewqan nazzjonali u permessi tas-sewqan internazzjonali mill-istati kontraenti f'konformità ma' din il-Konvenzjoni.

L-erba' Stati Membri tal-UE (l-Irlanda, Ċipru, Malta u Spanja) li mhumiex parti fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar it-Traffiku fit-Triq huma parti fi ftehim internazzjonali preċedenti, li fih ir-Renju Unit ukoll huwa parti⁹². Dak il-ftehim jipprevedi r-rikonoxximent ta' liċenzji tas-sewqan, iżda partijiet f'dan il-ftehim jistgħu jeħtieġu wkoll li d-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan jkollhom Permess tas-Sewqan Internazzjonali.

Id-detenturi ta' liċenzji tas-sewqan tar-Renju Unit li għandhom l-intenzjoni li jsuqu fl-Unjoni Ewropea għalhekk jingħataw parir li jikkuntattjaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli rigward ir-regoli ta' rikonoxximent għal liċenzji tas-sewqan. Id-detenturi ta' liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea li għandhom l-intenzjoni li jsuqu fir-Renju Unit jingħataw parir li jikkuntattjaw lill-awtorità responsabbli fir-Renju Unit rigward ir-regoli ta' rikonoxximent għal-liċenzji tas-sewqan tagħhom.

⁸⁸ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/transport/road_safety/topics/driving-licence/eu-driving_licence_en.

⁸⁹ L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

⁹⁰ Id-detentur ta' liċenzja tas-sewqan valida maħruġa minn Stat Membru tal-UE jista' wkoll jibdilha ma' liċenzja tas-sewqan ekwivalenti minn Stat Membru ieħor jekk id-detentur jibda' jgħix b'mod normali f'dak l-Istat Membru (l-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2006/126/KE). Mid-data tal-ħruġ, liċenzja tas-sewqan maħruġa mir-Renju Unit mhux se tkun tista' tinbidel ma' liċenzja tas-sewqan minn Stat Membru tal-UE-27 fuq il-bażi tal-liġi tal-UE. Liċenzja tas-sewqan maħruġa, qabel id-data tal-ħruġ, minn Stat Membru tal-UE-27 bħala bidla ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa fir-Renju Unit se tibqa' valida.

⁹¹ L-Artikolu 41(2) tal-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Triq, 8 ta' Novembru 1968.

⁹² Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Triq, Ġinevra, 19 ta' Settembru 1949.

6.2. Assigurazzjoni ta' responsabbiltà ta' terzi⁹³

Il-liġi tal-Unjoni⁹⁴ tipprojbixxi l-użu ta' vetturi mhux assigurati fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE, u tiżgura li assicurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi tkopri t-territorju kollu tal-UE⁹⁵. Vettura li normalment tkun ibbażata f'pajjiż terz għandha tingħata "karta ħadra" valida jew ċertifikat ta' assicurazzjoni tal-fruntieri⁹⁶. Il-konformità ma' dak ir-reqwiżit tista' tiġi vverifikata mad-dħul fl-UE.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, għal vetturi użati fl-UE iżda rreġistrati fir-Renju Unit, tapplika biss is-sistema tal-Karta l-Ħadra internazzjonali⁹⁷. Is-sistema tal-Karta l-Ħadra tippermetti l-użu ta' vettura assigurata fi Stat ieħor, sakemm iż-żewġ Stati jkunu membri tas-sistema tal-Karta l-Ħadra. L-Istati Membri tal-UE-27 kollha u r-Renju Unit jipparteċipaw fis-sistema tal-Karta l-Ħadra.

Madankollu, għandu jiġi nnotat dan li ġej:

- Is-sistema tal-Karta l-Ħadra ma tobbligax lil kumpaniji ta' assicurazzjoni ta' vetturi bil-mutur f'pajjiż membru tal-Karta l-Ħadra jkopru t-territorju tal-pajjiżi membri tal-Karta l-Ħadra (jistgħu jiġi imponut primjum addizzjonali għall-kopertura).

Persuni li jivvjaġġaw lejn l-UE mir-Renju Unit b'vettura rreġistrata fir-Renju Unit jingħataw parir li jiżguraw, qabel jivvjaġġaw, li l-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura bil-mutur tagħhom tkopri l-UE. L-istess japplika għal persuni li jivvjaġġaw mill-UE lejn ir-Renju Unit b'vettura rreġistrata fl-UE.

- Vettura li normalment tkun ibbażata f'pajjiż terz għandu jkollha preżenti Karta Ħadra valida meta tidħol fl-UE, sakemm il-pajjiż terz ma jibbenefikax minn deċiżjoni tal-Kummissjoni li teżentah minn dak ir-reqwiżit⁹⁸.

Persuni li jivvjaġġaw lejn l-UE mir-Renju Unit b'vettura rreġistrata fir-Renju Unit jingħataw parir li jiżguraw, qabel jivvjaġġaw, li jkun hemm Karta Ħadra preżenti fil-vettura, sakemm ma jkunux ċerti li tkun ittiegħed id-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija aktar 'il fuq.

⁹³ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/insurance-and-pensions/motor-insurance_en.

⁹⁴ L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11).

⁹⁵ L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/103/KE.

⁹⁶ L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/103/KE.

⁹⁷ <http://www.cobx.org/content/default.asp?PageID=57>.

⁹⁸ L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2009/103/KE. Rigward Stati li mhumiex fiż-ŻEE, deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ta' dak it-tip ittiegħdu għall-Andorra, is-Serbja u l-Iżvizzera.

Persuni li se jivvjaġġaw mill-UE għar-Renju Unit b'vettura rreġistrata fl-UE jingħataw parir li jivvjaġġaw bil-Karta l-Ħadra fil-vettura, jew li jistaqsu lill-awtoritajiet fir-Renju Unit dwar il-kwistjoni.

7. TRATTAMENT MEDIKU U KWISTJONIJIET RELATATI; EMERĠENZI

7.1. Intitolament għall-kura tas-saħħa taħt il-liġi tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali⁹⁹

Il-liġi tal-Unjoni¹⁰⁰ tipprevedi aċċess għall-kura tas-saħħa matul soġġorn temporanju barra mill-pajjiż fuq il-bażi tal-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (EHIC) jew, għal trattamenti ppjanati, fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni minn qabel mill-istituzzjoni kompetenti rilevanti (pereżempju l-istituzzjoni li magħha hija assigurata l-persuna kkonċernata).

L-ispejjeż ta' kura tas-saħħa bħal din jiġu rrimborżati bejn l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Istati Membri involuti.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dawk ir-regoli mhux se jibqgħu japplikaw vis-à-vis ir-Renju Unit¹⁰¹. Dak ifisser dan li ġejj:

- B'seħħ mid-data tal-ħruġ, iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE-27 u l-membri tal-familja tagħhom mhux se jkunu jistgħu jaċċedu għall-kura tas-saħħa fir-Renju Unit għall-kura mhux mistennija fuq il-bażi tal-EHIC. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ċittadini tar-Renju Unit mhux se jkunu jistgħu jaċċedu għall-kura tas-saħħa fl-UE-27 fuq il-bażi tal-EHIC.

Persuni assigurati fi Stat Membru tal-UE-27 u li għandhom l-intenzjoni li jivvjaġġaw fir-Renju Unit jingħataw il-parir li jistaqsu lill-istituzzjoni li huma assigurati magħha dwar jekk tirrimborzax il-kura tas-saħħa mogħtija f'pajjiż terz. L-istess japplika għal persuni assigurati fir-Renju Unit li għandhom l-intenzjoni li jivvjaġġaw fl-UE-27.

Fejn ir-rimborż ma jkunx żgurat, il-persuni kkonċernati għandhom jikkunsidraw li jagħmlu assigurazzjoni tal-ivvjaġġar privata.

- B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-Istati Membri tal-UE-27 ma jistgħux jibqgħu joħorġu awtorizzazzjonijiet minn qabel għal trattamenti ppjanati fir-Renju Unit fuq il-bażi tal-liġi tal-Unjoni. L-ebda

⁹⁹ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=559>.

¹⁰⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

¹⁰¹ Fil-kuntest tan-negozjati tal-ftehim dwar il-ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, l-UE qed tipprowa ssib qbil mar-Renju Unit dwar soluzzjonijiet biex jiġu żgurati r-rimborż, l-irkupru u t-tpaċija fir-rigward ta' avvenimenti li seħħew qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għal informazzjoni dwar in-negozjati li għaddejjin, ara https://ec.europa.eu/commission/brexit-negotiations_en.

awtorizzazzjoni minn qabel ma tista' tinħareġ mir-Renju Unit għal trattamenti pjanati fl-UE-27 fuq il-bażi tal-liġi tal-Unjoni.

7.2. Intitolament għal rimborż għal għoti ta' kura tas-saħħa transkonfinali taħt il-liġi tal-Unjoni dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali¹⁰²

Minbarra s-sistemi tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali msemmija fit-taqsimha 7.1 ta' dan l-avviż, il-liġi tal-Unjoni¹⁰³ tipprevedi wkoll il-possibbiltà li jinkiseb, taħt ċerti ċirkostanzi, rimborż mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni għal trattament ta' kura tas-saħħa transkonfinali fi Stat Membru ieħor. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, pazjenti affiljati fi Stat Membru tal-UE-27 mhux se jibqgħu jibbenifikaw mir-regoli dwar ir-rimborż stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni fir-rigward tat-trattament transkonfinali pprovdut fir-Renju Unit. Il-pazjenti affiljati fir-Renju Unit lanqas ma huma se jibqgħu jibbenefikaw mir-regoli tal-UE dwar ir-rimborż. Se jkun f'idejn l-Istat Membru tal-UE-27 tal-affiljazzjoni u r-Renju Unit li jiddeċiedu dwar ir-rimborż ta' kura tas-saħħa fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali (bl-istess mod bħall-kura tas-saħħa li tingħata f'pajjiżi terzi oħra).

Pazjenti li għandhom l-intenzjoni li jiksibu, mid-data tal-ħruġ, rimborż minn Stat Membru tal-UE-27 tal-affiljazzjoni għal trattament iprovdut fir-Renju Unit għandhom jistaqsu għal informazzjoni mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tagħhom stabbilit skont il-liġi tal-Unjoni¹⁰⁴. L-istess japplika għal pazjenti li għandhom l-intenzjoni li jiksibu, mid-data tal-ħruġ, rimborż mir-Renju Unit¹⁰⁵.

7.3. Rikonoxximent ta' riċetti mediċi maħruġa fi Stat Membru ieħor¹⁰⁶

Il-liġi tal-Unjoni¹⁰⁷ tobbliga lill-Istati Membri jirrikonoxxu r-riċetti mediċi transkonfinali ta' prodotti mediċinali jew apparati mediċinali maħruġa fi Stat Membru ieħor. Riċetta medika maħruġa fir-Renju Unit mhix se tibqa' tiġi rikonoxxuta fi Stat Membru tal-UE-27 fuq il-bażi tal-liġi tal-Unjoni, b'seħħ mid-data tal-ħruġ.

¹⁰² Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/health/cross_border_care/overview_en.

¹⁰³ Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

¹⁰⁴ L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/24/UE.

¹⁰⁵ Tingħied l-attenzjoni li l-liġi tal-Unjoni li tobbliga lill-Istati Membri tal-UE jmantnu l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali biex jinfurmaw lil pazjenti dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali li mhux se tibqa' tapplika fir-Renju Unit b'seħħ mid-data tal-ħruġ.

¹⁰⁶ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/cross_border_care/docs/impl_directive_prescriptions_2012_en.pdf.

¹⁰⁷ L-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2011/24/UE, id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/52/UE tal-20 ta' Diċembru 2012 li tistabbilixxi miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' preskrizzjonijiet mediċi maħruġa fi Stat Membru ieħor (ĠU L 356, 22.12.2012, p. 68).

7.4. In-numru Ewropew tal-emerġenza - 112¹⁰⁸

Il-liġi tal-Unjoni¹⁰⁹ tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-utenti finali kollha ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika li jippermettu telefonati minn telefowns fissi u mowbajls, inklużi payphones, ikunu jistgħu jċemplu n-“numru Ewropew tal-emerġenza” 112 mingħajr ħlas. Barra minn hekk, utenti b'diżabilitajiet jeħtieġ li jkollhom aċċess għal servizzi ta' emerġenza li huma ekwivalenti għal dak li jgawdu utenti oħra.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dawk l-obbligi mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit.

7.5. Kards għall-parkeġġ għal nies b'diżabbiltà¹¹⁰

Il-liġi tal-UE¹¹¹ tirrakkomanda li l-Istati Membri tal-UE jirrikonoxxu b'mod reċiproku l-kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà, magħmula skont il-mudell standardtizzat tal-UE għall-kard għall-parkeġġ¹¹².

Skont il-prattiki attwali, l-awtoritajiet tar-Renju Unit¹¹³ normalment jirrikonoxxu kards għall-parkeġġ skont il-mudell tal-UE maħruġa minn Stati Membri tal-UE oħra, biex b'hekk jippermettu lis-sidien ta' kard għall-parkeġġ skont il-mudell tal-UE li jipparjaw fi spazji għall-parkeġġ irriservati għal persuni b'diżabbiltà fir-Renju Unit. L-istess japplika normalment għar-rikonoxximent, fi Stat Membru tal-UE-27, ta' kard tal-parkeġġ nazzjonali tar-Renju Unit (l-hekk imsejħa “Blue Badge”)¹¹⁴.

M'hemmx ċertezza li l-awtoritajiet fl-UE u fir-Renju Unit se jżommu l-prattika tas-soltu ta' rikonoxximent reċiproku tal-kards għall-parkeġġ ta' xulxin għal persuni b'diżabbiltà. Dik il-kwistjoni se tkun fid-diskrezzjoni ta' dawk l-awtoritajiet.

¹⁰⁸ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/112>.

¹⁰⁹ L-Artikolu 26 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51).

¹¹⁰ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://europa.eu/youreurope/citizens/travel/transport-disability/parking-card-disabilities-people/index_en.htm.

¹¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà (ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25).

¹¹² Ara l-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE. Il-ħruġ u l-immaniġġjar ta' kards għall-parkeġġ skont il-mudell tal-UE kif ukoll il-kundizzjonijiet applikabbli jibqgħu fil-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali.

¹¹³ L-infurzar ta' dawk il-kundizzjonijiet nazzjonali normalment jitwettaq mill-pulizija u l-awtoritajiet lokali.

¹¹⁴ Ir-Renju Unit għażel mudell nazzjonali, li jiġbor uħud mill-karatteristiċi ewlenin tal-mudell tal-kard tal-tal-UE.

Għalhekk persuni b'diżabbiltà li jużaw kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà jistgħu jipprovaw jikkuntattjaw lill-awtoritajiet rilevanti minn qabel.

7.6. Protezzjoni konsulari¹¹⁵

Il-liġi tal-Unjoni¹¹⁶ tintitola liċ-ċittadini tal-UE għal protezzjoni konsulari mill-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE, jekk isibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn jeħtieġu l-assistenza barra mill-UE mingħajr l-ebda ambaxxata jew konsolat mill-Istat Membru tagħhom li jkun effettivament f'pożizzjoni li jgħinjom (ikunu "mhux rappreżentati"). Ċittadini tal-UE mhux rappreżentati huma intitolati li jirċievu protezzjoni konsulari bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-UE li jirrikorru għalih.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, iċ-ċittadini tar-Renju Unit mhux se jibqgħu jibbenifikaw minn dak id-dritt u ċ-ċittadini tal-UE-27 mhux se jibqgħu jistgħu jirrikorru għal ambaxxati u konsolati tar-Renju Unit biex ifittxu protezzjoni konsulari fuq il-bażi tal-liġi tal-UE.

7.7. Mekkaniżmu ta' kumpens għal persuni midruba minn karozza fi Stat Membru ieħor ("vittmi viżitaturi")¹¹⁷

Il-liġi tal-Unjoni tipprevedi mekkaniżmu ta' kumpens għal persuni li jweġġgħu f'inċident li jseħħ fi Stat Membru ieħor u li jkun ikkawżat mill-użu ta' vettura bbażata f'dak l-Istat Membru ("vittmi viżitaturi")¹¹⁸. Dan il-mekkaniżmu jipprevedi kumpens għall-vittma mill-"korp ta' kumpens" tal-Istat Membru tar-residenza tal-vittma jekk l-assiguratur jonqos milli jikkomunika mal-parti mweġġa' fi żmien data ta' skadenza stipulata¹¹⁹.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan il-mekkaniżmu mhux se jibqa' japplika għal persuni li jgħixu fir-Renju Unit u li jindarbu minn karozza waqt li jkunu qed iżuru Stat Membru tal-UE-27, u vice versa.

¹¹⁵ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/eu-citizenship/consular-protection_en.

¹¹⁶ L-Artikoli 20(2)c u 23 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 46 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Id-dritt għall-protezzjoni konsulari huwa elaborat aktar fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/637 tal-20 ta' April 2015 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni fpajjiżi terzi (ĠU L 106, 24.4.2015, p. 1).

¹¹⁷ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/insurance-and-pensions/motor-insurance_en.

¹¹⁸ Il-Kapitolu 7 tad-Direttiva 2009/103/KE tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11).

¹¹⁹ Sussegwentement, dak il-korp ta' kumpens jista' jitlob kumpens mill-korp ta' kumpens tal-Istat Membru li fih hija stabbilita l-impriża tal-assigurazzjoni li tkun ħarġet il-polza, l-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2009/103/KE.

8. ASSIGURAZZJONI, DRITTIJET TAL-PASSIĠĠIERI

8.1. Assigurazzjoni tal-ivvjaġġar kontra l-insolvenza

Il-liġi tal-Unjoni¹²⁰ tipprevedi obbligi għal negozjanti li jorganizzaw vjaġġi b'kollox inkluż jew jiffaċilitaw l-arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, fost oħrajn biex tiproteġi lil min jivvjaġġa mill-insolvenza.

Jeħtieġ li organizzaturi u negozjanti jikkonformaw ma' dawn l-obbligi anki meta jkunu stabbiliti f'pajjiżi terzi¹²¹ jekk ibiegħu jew joffru servizzi ta' dak it-tip fi Stat Membru tal-UE jew jidderiġu l-attivitajiet tagħhom lejn Stat Membru tal-UE (billi fost l-oħrajn jużaw lingwa jew munita differenti mill-lingwa jew munita tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti).

Barra minn hekk, meta persuni jixtru pakketti mingħand organizzaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi permezz ta' aġenti stabbiliti fl-UE, l-obbligu tal-organizzatur għat-twettiq tal-pakkett u l-garanziji għar-rifużjonijiet tal-pagamenti magħmula u għar-ripatrijazzjoni tal-vjaġġaturi jiġi żgurat mill-aġent, sakemm l-aġent ma jipprovdi evidenza li l-organizzatur jikkonforma ma' dawk l-obbligi¹²².

Għalhekk, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, il-liġi tal-UE li tobbliga lill-organizzaturi jiproteġu lil vjaġġaturi kontra l-insolvenza tal-organizzatur se jieqfu japplikaw fejn l-organizzatur stabbilit fir-Renju Unit ma jidderiġix l-attivitajiet tal-bejgħ tiegħu lejn l-UE, u l-ivvjaġġar kollox inkluż ma jinxtarax permezz ta' aġent fl-UE.

F'dawk il-każijiet, il-vjaġġaturi jingħataw parir li jivvalutaw il-bżonn li jiproteġu lilhom infushom kontra l-possibilità ta' insolvenza tal-organizzatur.

8.2. Drittijiet tal-passiġġieri tal-UE¹²³

Il-liġi tal-Unjoni tipprevedi sett ta' drittijiet għall-passiġġieri, mhux biss tal-ajru, iżda wkoll għal passiġġieri ta' vapuri, karozzi tal-linja u kowċis u ferroviji. Dawk id-drittijiet jirrelataw mal-informazzjoni, ir-rimborż u l-iprogrammar mill-ġdid tar-rottot, il-kumpens, l-assistenza u l-kura, id-dritt għal rimedju u drittijiet speċjali għal persuni b'diżabbiltajiet u b'mobbiltà mnaqqsa.

¹²⁰ L-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 1).

¹²¹ Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2302 kif ukoll ir-Regolamenti (KE) No 593/2008 u (UE) 1215/2012, flimkien mal-premessa 50 tad-Direttiva (UE) 2015/2302.

¹²² Ara l-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2015/2302.

¹²³ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://europa.eu/youreurope/citizens/travel/passenger-rights/index_en.htm.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, id-drittijiet tal-passiġġieri tal-UE jistgħu ma jibqgħux japplikaw għal ivvjaġġar bejn l-UE u r-Renju Unit, jew jistgħu jkunu limitati.

8.2.1. *Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru*

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru tal-UE¹²⁴ mhux se jibqgħu japplikaw għal titjiriet ma' trasportatur li mhuwiex tal-UE minn ajruport li jinsab fir-Renju Unit għal ajruport li jinsab fl-UE. Madanakollu d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru mogħtija mil-liġi tal-UE se jibqgħu japplikaw għal:

(i) titjiriet li jitolqu mir-Renju Unit lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE-27 operati minn trasportatur Komunitarju; kif ukoll

(ii) titjiriet li jitolqu mill-UE-27 għal ajruport tar-Renju Unit operati minn kwalunkwe trasportatur.

Dawk li se jivvjaġġaw għandhom għalhekk ikunu konxji li, skont it-trasportatur li jagħżlu, ċerti drittijiet tal-passiġġieri tal-UE jistgħu ma jibqgħux japplikaw għal titjiriet lejn l-UE.

Il-liġi tal-UE li tagħti drittijiet speċifiċi lil persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa¹²⁵ li jivvjaġġaw bl-ajru mhux se tibqa' tapplika għal servizzi tal-ajru li, b'seħħ mid-data tal-ħruġ:

(i) jitolqu minn ajruport fir-Renju Unit,

(ii) jgħaddu minn ajruport fir-Renju Unit, jew

(iii) jaslu f'ajruport fir-Renju Unit.

Madankollu, ċerti drittijiet, bħall-assistenza mit-trasportaturi tal-ajru, jibqgħu japplikaw għall-passiġġieri tal-ajru li jitolqu minn ajruport fir-Renju Unit u jtiru lejn ajruport tal-UE-27 jekk it-trasportatur operattiv ikun trasportatur tal-ajru Komunitarju.

8.2.2. *Drittijiet tal-passiġġieri tal-vapuri*

Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-vapuri tal-UE¹²⁶ jibqgħu japplikaw fejn:

¹²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru. 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kompens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jithallewex jitolqu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet (ĠU L 46, tas-17.2.2004, p. 1).

¹²⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).

(i) il-port tal-imbarkazzjoni qiegħed fl-UE-27; jew

(ii) il-port tal-imbarkazzjoni qiegħed fir-Renju Unit, jekk il-port tal-iżbark qiegħed fl-UE-27 u s-servizz huwa operat minn trasportatur stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru jew li joffri servizzi tat-trasport tal-passiġġieri lejn jew minn Stat Membru (“trasportatur tal-Unjoni”).

Dawk li se jivvjaġġaw għandhom ikunu konxji li, skont it-trasportatur li jagħżlu, ċerti drittijiet tal-passiġġieri tal-UE jistgħu ma jibqgħux japplikaw għal vjaġġi lejn l-UE.

Rigward il-passiġġieri ta' kruċiera, is-sett attwali tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-UE se jibqa' japplika jekk il-port tal-imbarkazzjoni jkun jinsab fi Stat Membru.

8.2.3. *Id-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bix-xarabank u bil-kowċ*

Id-drittijiet tal-UE tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bix-xarabank u bil-kowċ¹²⁷ se jibqgħu japplikaw għall-passiġġieri li jivvjaġġaw fuq servizzi regolari¹²⁸ fejn il-punt tal-imbark jew tal-iżbark tal-passiġġieri ikun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru u fejn id-distanza skedata tas-servizz tkun ta' 250 km jew aktar. Għal passiġġieri fejn id-distanza skedata tas-servizz tkun inqas minn 250 km, japplika sett iżgħar ta' regoli. Xi Stati Membri eżentaw xi servizzi mill-applikazzjoni tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri jekk parti sinifikanti ta' servizz regolari (inkluża mill-inqas waqfa waħda skedata) tkun operata barra mill-Unjoni¹²⁹.

Id-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bix-xarabank u bil-kowċ mogħtija mil-liġi tal-UE għalhekk se jibqgħu japplikaw - jekk ma tapplika l-ebda eżenzjoni - għal:

(i) passiġġieri li jtilqu mir-Renju Unit lejn destinazzjoni li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE-27; kif ukoll

(ii) passiġġieri li jtilqu mill-UE-27 lejn destinazzjoni fir-Renju Unit.

¹²⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

¹²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

¹²⁸ Sett aktar limitat ta' drittijiet japplika għal servizzi okkażjonali.

¹²⁹ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta <https://ec.europa.eu/transport/sites/transport/files/themes/passengers/road/doc/exemptions-from-bus-coach-passengers-rights-and-obligations.pdf>

8.2.4. *Drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija*

Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija tal-UE¹³⁰ japplikaw għall-vjaġġi u għas-servizzi kollha bil-ferrovija li:

(i) jsiru fi ħdan it-territorju tal-UE; u

(ii) qed isiru minn impriża tal-ferroviji liċenzjata skont ir-regoli tal-UE.

Għalhekk, mid-data tal-ħruġ, id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji tal-UE mhux se jibqgħu japplikaw fuq is-sezzjonijiet tar-Renju Unit ta' vjaġġi bil-ferrovija bejn ir-Renju Unit u Stat Membru tal-UE.

9. KWISTJONIJIET OĦRA

9.1. **Pagamenti bil-karti bankarji**¹³¹

Filwaqt li jekk jiġix aċċettati karti tad-debitu jew kreditu għal transazzjonijiet ta' ħlas jiddependi fuq il-preferenzi rispettivi tan-negozjanti, il-liġi tal-Unjoni¹³² tistabbilixxi limiti għal tariffi tal-interkambju imposti fuq in-negozjanti fir-rigward ta' dawk it-transazzjonijiet. Dawk ir-regoli japplikaw biss fejn kemm il-fornitur tas-servizz tal-ħlas ta' min iħallas kif ukoll il-fornitur tas-servizz tal-ħlas tal-benefiċjarju jinsabu fl-UE¹³³.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, transazzjonijiet bejn l-UE-27 u r-Renju Unit mhux se jibqgħu koperti mir-regoli tal-UE li jillimitaw it-tariffi tal-interkambju.

Sakemm in-negozjanti jitħallew japplikaw ħlasijiet addizzjonali fuq il-konsumaturi għal pagamenti bil-karti bankarji, dan jista' jwassal għal ħlas addizzjonali ogħla għall-pagamenti bil-karti bankarji.

9.2. **Ir-roaming**¹³⁴

Il-liġi tal-Unjoni¹³⁵ dwar is-servizzi tar-roaming tipprojbixxi kwalunkwe ħlas addizzjonali fuq il-konsumaturi tar-roaming, meta jivvjaġġaw fl-UE, mill-

¹³⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

¹³¹ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta https://europa.eu/youreurope/citizens/consumers/financial-products-and-services/payments-transfers-cheques/index_en.htm.

¹³² L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-transazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

¹³³ L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2015/751

¹³⁴ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/roaming>

fornitur tar-roaming (jiġifieri l-fornitur domestiku tas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli - bil-vuċi, SMS, jew servizzi tad-data) li jopera fi Stat Membru tal-UE minbarra l-prezz tal-bejgħ domestiku.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan l-obbligu fil-liġi tal-Unjoni dwar il-fornitur tar-roaming mhux se jibqa' japplika la għal fornituri tar-roaming li joperaw fir-Renju Unit meta l-konsumaturi tagħhom ikunu roaming fl-UE, u lanqas għal fornituri tar-roaming li joperaw fl-UE meta l-konsumaturi tagħhom ikunu roaming fir-Renju Unit. Madankollu, il-fornituri tar-roaming li joperaw fi Stat Membru se jibqgħu soġġetti għall-obbligu fil-liġi tal-Unjoni li jinformat lill-konsumaturi tagħhom bl-imposti tar-roaming għas-servizzi pprovduti applikabbli kull meta jivvjaġġaw lejn ir-Renju Unit¹³⁶.

9.3. Il-portabbiltà ta' servizzi ta' kontenut onlajn¹³⁷

Il-liġi tal-Unjoni dwar il-portabbiltà ta' servizzi ta' kontenut onlajn¹³⁸ tippermetti li l-konsumaturi tal-UE li jixtru jew jabbonaw għal servizzi ta' kontenut onlajn fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom - biex jaraw films jew avvenimenti sportivi, jisimgħu l-mużika, iniżżlu e-books jew jilagħbu logħob - ikomplu jkollhom aċċess għal dawk is-servizzi mingħajr ebda spejjeż addizzjonali meta jivvjaġġaw jew joqogħdu temporanjament fi Stati Membri oħra tal-UE (portabbiltà transkonfinali).

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan l-obbligu fil-liġi tal-Unjoni mhux se jibqa' japplika għal fornituri ta' servizzi ta' kontenut onlajn bil-ħlas fl-UE-27 meta l-konsumaturi tagħhom jivvjaġġaw fir-Renju Unit.

Barra minn hekk, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan l-obbligu fil-liġi tal-Unjoni mhux se jibqa' japplika għal fornituri ta' servizzi ta' kontenut onlajn bil-ħlas fir-Renju Unit meta l-konsumaturi tagħhom jivvjaġġaw fl-UE.

Dan ifisser li konsumaturi ta' servizzi ta' kontenut onlajn bil-ħlas fl-UE-27 u fir-Renju Unit ma jkunux jistgħu jiksbu aċċess għas-servizzi ta' kontenut onlajn li jkunu abbonaw għalihom fl-UE u fir-Renju Unit rispettivament meta jivvjaġġaw fir-Renju Unit jew fl-UE rispettivament, jew jista' jkollhom aċċess limitat għas-servizz (pereżempju aċċess għal katalogu differenti).

¹³⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10).

¹³⁶ L-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012.

¹³⁷ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/cross-border-portability-online-content-services>

¹³⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/1128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar l-iżgurar tal-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut online fis-suq intern (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 1).

ANNES: FULJETT TAL-UE DWAR IL-KUNSINI PERSONALI TA' PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANIMALI LI JIFFURMAW PARTI MILL-BAGALJI TAL-PERSUNI LI QED JIVVJAĠĠAW



Żomm mard tal-annimali li jittieħed barra mill-UE!

Prodotti li joriġinaw mill-annimali jistgħu jkollhom patoġeni li jikkaġunaw mard li jittieħed

Minħabba r-riskju tal-introduzzjoni ta' mard fl-Unjoni Ewropea (UE), hemm proċeduri stretti għad-dħul ta' ċerti prodotti tal-annimali fl-UE. Dawn il-proċeduri ma japplikaw għall-movimenti tal-prodotti tal-annimali bejn is-27 Stat Membru tal-UE, jew għal prodotti tal-annimali li ġejjin minn Andorra, il-Liechtenstein, in- Norveġja, San Marino, u l-Iżvizzera.

Kull prodott tal-annimali li ma jikkonformax ma' dawn ir-regoli għandu jingħata malli jidħol fl-UE sabiex jintrema uffijjalment. Nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' tali oġġetti jista' jirriżulta f'ċitazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali.

1. **Kwantitajiet żgħir ta' laħam u ħalib u l-prodotti tagħhom (għajr il-ħalib trab tat-trabi, l-ikel tat-trabi u ikel speċjali jew għalf tal-annimali domestiċi speċjali meħtieġa minħabba raġunijiet mediċi)**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kunsinni personali ta' laħam u ħalib u l-prodotti tagħhom (għajr ħalib trab tat-trabi, ikel tat-trabi u ikel speċjali jew għalf tal-annimali domestiċi speċjali meħtieġ għal raġunijiet mediċi) dment li ġejjin mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda u li l-piż tagħhom ma jaqbiżx **1-10 kilogrammi** għal kull persuna.

2. **Ħalib trab tat-trabi, ikel tat-trabi u ikel speċjali meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kunsinni personali tal-ħalib tat-trab tat-trabi, ikel tat-trabi, u ikel speċjali meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi, dment li:

— ġejjin mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda u li l-piż koġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **10 kilogrammi** għal kull persuna u li:

- il-prodott ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-konsum;
- hu prodott tad-ditta ppakkjat; kif ukoll
- l-imballaġġ għadu sħiħ sakemm ma jkunx qiegħed jintuża attwalment

— ġejjin minn pajjiżi oħra (għajr il-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda) u li l-piż koġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **2 kilogrammi** għal kull persuna u li:

- il-prodott ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-konsum;
- hu prodott tad-ditta ppakkjat; kif ukoll
- l-imballaġġ għadu sħiħ sakemm ma jkunx qiegħed jintuża attwalment.

3. **Għalf tal-annimali domestiċi meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kunsinni personali ta' għalf tal-annimali domestiċi meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi, dment li:

— ġejjin mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda u li l-piż koġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **10 kilogrammi** għal kull persuna u li:

- il-prodott ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-konsum;
- hu prodott tad-ditta ppakkjat; kif ukoll
- l-imballaġġ għadu sħiħ sakemm ma jkunx qiegħed jintuża attwalment

— ġejjin minn pajjiżi oħra (għajr il-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda) u li l-piż koġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **2 kilogrammi** għal kull persuna u li:

- il-prodott ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-konsum;

- hu prodott tad-ditta ppakkjat; kif ukoll
- l-imballaġġ għadu sħiħ sakemm ma jkunx qiegħed jintuża attwalment

4. **Kwantitajiet żgħar ta' prodotti tas-sajd għall-konsum personali mill-bniedem**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kunsinni personali ta' prodotti tas-sajd (inkluż ħut frisk, imnixxef, imsajjar, ippreservat jew affumigat, u xi frott tal-baħar bħall-gambli kbar, awwisti, molluski mejtin u gajdri mejtin) diment li:

- l-ħut jitnaddaf mill-imsaren;
- il-piż tal-prodotti tal-ħut ma jaqbiżx, għal kull persuna, **1-20 kilogramma jew il-piż ta' ħuta waħda**, ikun xi jkun l-ogħla piż.

Dawn ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għall-prodotti tas-sajd li ġejjin mill-Gżejjer Faeroe jew l-Iżlanda.

5. **Kwantitajiet żgħar ta' prodotti tal-annimali għall-konsum personali tal-bniedem**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE prodotti tal-annimali oħrajn, bħall-għasel, gajdri ħajjin, molluski ħajjin u bebbux pereżempju, diment li:

- ġejjin mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda u li l-piż konġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **10 kilogrammi** għal kull persuna.
- ġejjin minn pajjiżi oħra (għajr il-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda) u li l-piż konġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **2 kilogrammi** għal kull persuna.

Jekk jogħġbok innota li tista' iġġib kwantitajiet żgħar ta' prodotti tal-annimali minn bosta minn dawn il-ħames kategoriji ta' hawn fuq (il-paragrafi 1-5) diment li huma jikkonformaw mar-regoli spjegati f'kull wieħed mill-paragrafi rilevanti.

6. **Kwantitajiet akbar tal-prodotti tal-annimali**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kwantitajiet ikbar ta' prodotti tal-annimali jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-kunsinni kummerċjali, li jinkludu:

- rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni, kif stipulat fiċ-ċertifikat xieraq veterinarju uffiċjali tal-KE;
- il-preżentazzjoni tal-oġġetti, bid-dokumentazzjoni ġusta, għal stabbiliment ta' spezzjoni fuq il-fruntiera awtorizzata tal-UE għal kontroll veterinarju, malli jaslu fl-UE.

7. **Prodotti tal-annimali eżenti**

Il-prodotti li ġejjin huma eżentati mir-regoli spjegati qabel:

- ħobż, kejkijiet, biskuttini, ċikkulata u ħlewriet (inkluż il-ħelu) mhux imħallta jew mimlija bi prodotti tal-laħam;
- Supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumatur finali;
- Estratti tal-laħam u koncentri tal-laħam;
- żebbuġ mimli bil-ħut;
- għaġin u taljarini mhux imħallta jew mimlija bi prodotti tal-laħam.
- Stokkijiet u ħwawar tas-sopop ippakkjati għall-konsumatur finali.
- kwalunkwe prodott tal-ikel ieħor li ma fih l-ebda laħam frisk jew ipproċessat jew b'inqas minn 50 % ta' bajd ipproċessat jew prodotti tas-sajd.

8. **Prodotti tal-annimali minn speċi protetta**

Jista' jkun hemm restrizzjonijiet oħra għal ċerti speċi protetti. Pereżempju għall-kavjar tal-ispeċi tal-isturjun, il-limitu fil-piż hu massimu ta' 125 gramma għal kull persuna.